MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tad-9 ta' Frar, 2004

Ċitazzjoni Numru. 1346/2003

Awtorita` Marittima ta’ Malta
vs
Christopher u Jayne konjugi Farrugia

Il-Qorti,

**CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tal-awtorita` attrici li biha ppremettiet:

Peress illi l-Awtorita` attrici hija proprjetarja tal-fond illum maghruf bhala Christopher’s, li jinsab fil-yachting administration building gewwa Ta’ Xbiex, liema fond gie mikri minnha lill-konvenuti bhala bare premises permezz ta’ skrittura datata 5 ta’ Frar 1996, (kopja annessa mac-citazzjoni bhala Dok. A) u bhalissa huwa gestit mill-konvenuti bhala ristorant.

Peress illi l-konvenuti Christopher u Jayne Farrugia, bi ksur tal-klawzola A ta’ l-iskrittura ta’ kera naqsu li jhallsu parti minn skadenza ta’ kera, ammontanti ghal elf u

hames mitt lira Maltija (Lm1500), li hija parti mis-somma akbar ta’ elfejn u hames mitt lira li tirreferi ghall-perjodu bejn l-1 ta’ Settembru, 2003 u d-29 ta’ Frar, 2004, hekk kif jidher mill-istatement of account datat 28 ta’ Ottubru 2003 (anness mac-citazzjoni bhala Dok B).

Peress li l-konvenuti, bi ksur tal-klawzola naqsu wkoll li jhallsu kontijiet ta’ dawl u ilma ammontanti ghal erbat elef, hames mija u tmienja u hamsin lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm4558.20), hekk kif jidher mill-istatement imsemmi u minn statement iehor tat-28 ta’ Ottubru, 2003 (Dok C).

Peress illi ghalhekk il-konvenuti prezentament ghadhom debituri ta’ l-Awtorita` attrici ghas-somma ta’ sitt elef u tmienja u hamsin lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm6058.20) f’ arretrati ta’ kera ta’ dawl u ta’ ilma.

Peress illi l-Awtorita` attrici interpellat lill-konvenuti Christopher u Jayne Farrugia diversi drabi sabiex jonoraw il-kundizzjonijiet ta’ kera u jhallsu l-arretrati dovuti, inkluz b’ittri ufficjali datati 4 ta’ Gunju, 2003 u 24 ta’ Settembru, 2003, (Dok D u Dok E) imma l-konvenuti baqghu parzjalment inadempjenti stante li hallsu biss parti zghira tal-pendenzi.

Peress illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi ai termini ta’ l-artiklu 167 sa 170 tal-Kodici ta’ Procedura u Organizzazzjoni Civili, stante li dan il-kreditu huwa cert, likwidu u dovut u li fil-fehma ta’ l-Awtorita` attrici, il-konvenuti m’ghandhomx eccezzjonijiet x’jaghtu kontra l-hlas ta’ l-imsemmi ammont, u Christopher Schembri in rapprezentanza ta’ l-Awtorita` attrici annetta affidavit mac-citazzjoni mmarkat Dok F a tenur ta’ l-istess Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili.

L-Awtorita` attrici talbet lill-Qorti biex:

Tiddikjara li l-konvenuti Christopher u Jayne Farrugia huma debituri ta’ l-Awtorita` attrici ghas-somma totali ta’ sitt elef u tmienja u hamsin lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm6,058.20) in kwantu ghal elf u hames mitt lira f’kera

(1,500) u in kwantu ghas-somma ta’ erbat elef, hames mija u tmienja u hamsin lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm4,558.20) fi spejjez ta’ dawl u ilma skond l-iskrittura ta’ kera datata 5 ta’ Frar 1996; konsegwentement

Tikkundanna lill-konvenuti Christopher u Jayne Farrugia jhallsu lill-Awtorita` attrici l-imsemmija somma komplessiva ta’ sitt elef u tmienja u hamsin lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm6,058.20), ghar-ragunijiet premessi.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittri ufficjali ta’ l-4 ta’ Gunju, 2003 u ta’ l-24 ta’ Settembru, 2003, u tal-mandat ta’ sekwestru prezentat kontestwalment mac-citazzjoni, bl-imghax legali mid-data ta’ kull skadenza sal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

**PROVI:**
Rat illi llum 9 ta’ Frar 2004 Dr. Stephen Muscat ghall-Awtorita` attrici pprezenta nota li biha rriduca s-sorte bis-somma ta’ Lm1500 rapprezentanti arretrati ta’ kera stante pagament fil-mori tal-kawza filwaqt li zamm ferm il-bqija tas-sorte u cioe` s-somma ta’ Lm4558.20 kif ukoll il-kap tal-ispejjez.

Rat illi l-konvenut ammetta t-talba kif ridotta.

Rat illi Dr. Stephen Muscat iddikjara li m’ ghandux oggezzjoni li s-sentenza ghall-kundanna tal-hlas ta’ Lm4558.20 oltre l-ispejjez u l-imghaxijiet jigu mhallsa lill-Awtorita` attrici mill-konvenut fi zmien tliet xhur mil-lum.

**KONKLUZJONIJIET:**
Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif ridotta tidher gustifikata, u hemm lok li s-sentenza tinghata llum stess, bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Rat li l-konvenut ammetta t-talba dwar Lm4558.20 oltre spejjez u imghaxijiet.

Fuq l-ammissjoni tal-konvenut tilqa’ t-talba tal-Awtorita` attrici kif ridotta u ghalhekk tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-Awtorita` attrici s-somma totali ta’ erbat elef hames mija u tmeinja u hamsin lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm4558.20) bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittri ufficjali ta’ l-4 ta’ Gunju, 2003 u ta’ l-24 ta’ Settembru, 2003, u tal-mandat ta’ sekwestru prezentat kontestwalment mac-citazzjoni, bl-imghax legali mid-data ta’ kull skadenza sal-pagament effettiv, b’dan li l-konvenuti ghandhom id-dritt li jhallsu l-ammonti dovuti sa zmien tlett xhur.

Spejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------